



Brussell, 15 ta' Diċembru 2022  
(OR. en)

16139/22  
ADD 1

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2022/0428(NLE)

---

**AELE 48**  
**EEE 44**  
**N 74**  
**ISL 38**  
**FL 34**  
**MI 956**  
**JAI 1698**  
**TELECOM 529**  
**DATAPROTECT 370**  
**CYBER 410**  
**CSC 591**

#### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 15 ta' Diċembru 2022

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

---

Nru dok. Cion: COM(2022) 741 final

Suġġett: ANNESS tal-Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fissem I-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, rigward emenda tal-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjobiżi u soċjetà tal-informatika) u tal-Protokoll 37 (li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101) tal-Ftehim ŻEE (NIS)

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 741 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 741 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 15.12.2022  
COM(2022) 741 final

ANNEX

ANNESS

tal-

**Proposta għal**

**DEĊIJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, rigward emenda tal-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informatika) u tal-Protokoll 37 (li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101) tal-Ftehim ŻEE**

**(NIS)**

## ANNESS

### DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru [...]

ta' [...]

Li temenda l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informatika) u l-Protokoll 37 (li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim ŻEE”), u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta’ sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni<sup>1</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE..
- (2) Ir-Regolament ta’ Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/151 tat-30 ta’ Jannar 2018 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta’ spċifikazzjoni ulterjuri tal-elementi li għandhom iqisu l-fornituri tas-servizzi diġitali għall-ġestjoni tar-riskji għas-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni u tal-parametri għad-determinazzjoni dwar jekk inċident għandux impatt sostanzjali<sup>2</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Sabiex il-Ftehim ŻEE jiffunzjona tajjeb, il-Protokoll 37 tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi estiż biex jinkludi l-Grupp ta’ Kooperazzjoni stabbilit bid-Direttiva (UE) 2016/1148.
- (4) Għalhekk, l-Anness XI u l-Protokoll 37 tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

#### *Artikolu 1*

Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 5cp (ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XI tal-Ftehim ŻEE:

“5cpa. **32016 L 1148:** Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta’ sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1).

Il-modalitajiet ta’ assoċjazzjoni tal-Istati tal-EFTA skont l-Artikolu 101 tal-Ftehim:

L-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw b’mod sħiħ fil-Bord Amministrattiv u fi ħdanu għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi bħall-Istati Membri tal-UE, ħlief id-dritt għall-vot.

<sup>1</sup> ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 26, 31.1.2018, p. 48.

5cpaa. **32018 R 0151:** Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/151 tat-30 ta' Jannar 2018 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' spċifikazzjoni ulterjuri tal-elementi li għandhom iqisu l-fornituri tas-servizzi diġitali għall-ġestjoni tar-riskji għas-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni u tal-parametri għad-determinazzjoni dwar jekk inċident għandux impatt sostanzjali (ĠU L 26, 31.1.2018, p. 48)."

#### *Artikolu 2*

Il-punt li ġej jiżdied fil-Protokoll 37 tal-Ftehim taż-ŻEE:

"43. Il-Grupp ta' Kooperazzjoni (Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni)."'

#### *Artikolu 3*

It-testi tad-Direttiva (UE) 2016/1148 u tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2018/151 bil-lingwa Iż-żandija u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

#### *Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħi fi [...], bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE\*.

#### *Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tīgħi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, [...].

*Għall-Kumitat Kongġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

[...]

*Is-Segretarji*

*Tal-Kumitat Kongġunt taż-ŻEE*

[...]

---

\*

[L-ebda rekwiżiti kostituzzjonal ma huma indikati.] [Rekwiżiti kostituzzjonal indikati.]